**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 88

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 28 ta' Marzu 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku (waslet fil-5.20pm)
Massimo Scerri – Kunsillier (wasal fis-6.00pm)
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv (Deputat SE)

# Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

## 88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

88.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 87

88.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-Sebgħa u Tmenin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

88.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

88.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Kunsillier Salvu Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 88.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

88.3.1.1 Para 87.10.5– Talba biex Trejqet Kleriku Ġakbu Abela issir *one-way*
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet jekk tqassmux l-ittri lill-bdiewa u r-residenti għax xi nies qalulha li ma rċievew xejn.

88.3.1.2 Id-Deputat SE infurmat li l-ittra ġiet ippreparata u ser titqassam fil-ġranet li ġejjin.

88.3.2.1 Para 87.10.6 - Talbiet biex jiġu nstallati bozoz ġodda
Dwar bozza ġdida fi Triq il-Maħlut, il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li din tista' tiġi nstallata fuq arblu. Id-Deputat SE qalet li ser tiċċekja mal-Enemalta dwar il-proċedura biex tiġi nstallata bozza ġdida ma' arblu.

88.3.2.2 Dwar bozza ġdida fi Triq Karlu Darmanin, is-Sindku ser tiċċekkja mar-resident jekk taċċettax li l-bozza teħel mar-residenza tiegħu jekk le ssir fuq arblu.

88.3.3 Para 87.10.14 - Talba biex issir tabella *'Don't park on culvert'*
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill lir-resident qabel li jsiru 2 *reflectors* mal-*poles* taħt il-bankina u li l-*parking bay* tinqasam fi tnejn biex tkun indikazzjoni għal min jipparkja.

88.3.4 Para 87.10.17 - Attivitajiet għal żmien il-vakanzi tal-Għid
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li jekk se jsir il-kunċert fil-Knisja għal żmien l-Għid, dan m'għandux isir fis-27 ta' April għax hemm il-*Fireworks Festival*.

## 88.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

88.4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għandhom stedina mill-WasteServ għal xi serata tal-*awards.* Ħadd mill-Kunsilliera ma jistax jattendi.

88.4.2 Is-Sindku qalet li l-applikazzjonijiet għan-*Norwegian Funds* ser jiftħu f'Ġunju.

**F'dan il-ħin (5.20pm) daħlet il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar għal-laqgħa.**

88.4.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għamlet xi ftit riċerka, għax minn dejjem kienet ix-xewqa tagħha lin-nies ta' Ħal Lija jkollhom funtana miċ-ċatti li jitla' l-ima mill-art (bħal m'hemm fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt) fil-pjazza. Is-Sindku qalet li ċċekkjat ma' tal-armar tar-raħal, u qalulha li ma taffetwahomx.Qalet ukoll li ċċekjat ukoll mal-Kunsill Lokali ta' Ħamrun għax għadhom kif għamlu waħda riċenti fejn infurmawha li l-installazjoni tal-funtana bil-pompa u d-dawl b'kollox ġiet tiswa kważi €6,500.

88.4.3.2 Id-Deputat SE ser tiċċekkja mal-perit tal-Kunsill biex tara x'tip ta' permessi hemm bżonn.

88.4.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kitbet lis-Segretarju tal-*Balzan FC* biex tinfurmhom biex jibdew jużaw il-*gate* ta' barra peress li qed jinħoloq konġestjoni kbira fi Triq G. Cali u qed nistennew risposta'.

## 88.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

88.5.1.1 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet kif bqajna fuq is-*surveys* tal-bankina ta' Triq Kardinal Ferretti u ta' Triq Ġużeppi Portelli li kellu jagħmel il-perit. Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li għadha ma rċiviet xejn u ser tkellem lill-perit dwar dan.

88.5.1.2 Il-Kunsill ser joħroġ *default notice* lill-Perit għax hemm affarijiet li ilhom pendenti.

## 88.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

88.6.1.1 Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2018
Id-Deputat SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2018. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

88.6.1.2 Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport.

88.6.2.1 Pjan ta' Ħidma 2019-2021
Il-Pjan ta' Ħidma 2019-2021 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

88.6.2.2 Il-Kunsill unanimament approva l-Pjan ta' Ħidma għat-tliet snin 2019-2021.

## 88.7 Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv

88.7.1 Wara li saret l-evalwazzjoni min-naħa tal-Kumitat tal-Għażla, il-Kunsill ingħata r-riżultati tal-intervisti li saru mal-erba' (4) kandidati eliġibbli.

88.7.2 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li l-kandidata Pamela Borg ġiet l-ewwel (1) b'sebgħa u disgħin fil-mija (97%) tal-marki. Id-Deputat SE ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-Kumitat tal-Għażla. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

88.7.3 B'mozzjoni mressqa mis-Sindku Magda Magri Naudi, li kienet issekondata mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lis-Sinjorina Pamela Borg sabiex timla l-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.

88.7.4 Id-Deputat SE ser tibgħat id-dokumentazzjoni meħtieġa lid-Dipartiment sabiex jibda l-proċess biex jinġieb l-approvazzjoni tal-Ministru.

88.7.5 Il-Kunsill qabel ukoll li, kif is-Sinjorina Pamela Borg tiġi approvata mill-Ministru, il-Kunsill għandu jibda l-proċess biex tinħareġ sejħa ġdida biex jimtela l-post vakanti tagħha.

## 88.8 *One-Way System* fi Triq Annibale Preca

88.8.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ltaqgħet mas-Sindku ta' Ħ'Attard u l-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan fuq il-post, fejn spjegatilhom kif ġejja l-*one-way system.* Hija qalet li kellhom jiddiskutuha fil-laqgħa tal-Kunsill u jibgħatu r-risposti tagħhom.

88.8.2 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li rċievew *email* mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u ta' Ħal Balzan, fejn qed joġġezzjonaw għall-implimentazzjoni ta' din il-*one-way system.*Il-Kunsill qabel li se jipproċedi xorta. Id-Deputat SE qalet lit-tabelli ġew ordnati u li għandhom jitwaħħlu fil-bidu t'April.

88.8.3 Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-TM biex jiġu emendati 2 partijiet minn din is-sistema:

1. Triq Annibale Preca (bejn Triq Kananea u Triq San Luċinju) tibqa' *two-way.*
2. Triq il-Kunċizzjoni (bejn Triq Ħalmann sal-mużew) tibqa' *two-way.*

88.8.4 Din il-parti ta' Triq il-Kunċizzjoni ser tibqa' *two*-way biex nakkomodaw lir-residenti u lil minn jiġi jwassal it-tfal il-mużew biex ma jkollhomx iduru d-dawra kollha, għalhekk ser navżawhom biex ma jibqgħux jipparkjaw ħażin (*double parking)* u jimblukkaw it-triq u joħolqu konġestjoni,iktar u iktar, issa li ser jibda jgħaddi aktar traffiku.

88.8.5 Ser ninfurmaw ukoll lill-uffiċċjali tal-komunita' sabiex jinfurzaw f'dawk l-akwati.

88.8.6 Jekk jibqa' jkun hemm ipparkjaw ħażin, dik il-parti ta' Triq il-Kunċizzjoni jkollha ssir *one-way*, kif kien oriġinarjament ippjanat.

## 88.9 *Re-surfacing* ta' Triq Fernand Gregh u Triq Ħalmann minn *Infrastructure Malta*

88.9.1 Dwar Triq Fernand Gregh, is-Sindku qalet li ġejna nfurmati li se ssir qabel is-sajf, pero' għadhom ma nfurmawniex meta.

88.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li Triq Ħalmann kienet lesta. Is-Sindku rrimarkat li triq fl-għelieqi saret mill-ewwel u triq f'nofs ir-raħal, li ilha mwiegħda minn żmien iċ-CHOGM għadha ma saritx.

88.9.3 Se nerġgħu niktbu lill-*Infrastructure Malta* biex jinfurmawna meta se jibda x-xogħol.

## 88.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

88.10.1.1 <u>*Bus Stop* fejn il-kappella tal-Mirakli</u>
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li meta ltaqgħu mal-kumpanija *Faces* qalulha li jekk il-*bus stop* ta' fejn il-kappella tal-Mirakli jinżel ftit l'isfel, ikun jista' joqgħod *bus shelter* fuq il-bankina.

88.10.1.2 Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lil *Public Transport* biex iressqu l-*bus stop* u napplikaw ma' *Faces* biex isir *bus shelter.*

88.10.2 <u>*Bus Stop* bl-isem Lapira</u>
Is-Sindku talbet biex niċċekkjaw jekk il-karozzi tal-linja huma u ġejjin mill-Belt jinżlux lejn il-*bus stop* bl-isem Lapira.

88.10.3 <u>Arblu mgħawweġ fi Triq Ħalmann</u>
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li l-arblu mgħawweġ fi Triq Ħalmann għadu ma ġiex irranġat minn dakinhar tal-maltempata. Is-Sindku qalet li hemm ieħor mgħawweġ f'Ta' Senna. Se nerġgħu ninfurmaw lill-Enemalta.

88.10.4 <u>Bozza ġdida fi Triq il-Mitħna</u>
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li xi residenti qed jitolbu li ssir bozza ġdida fuq arblu, ftit l'isfel mill-kappella fi Triq il-Mitħna għax hemm ħafna dlam. Il-Kunsill approva.

88.10.5.1 <u>*Culverts* ġodda</u>
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li kemm ilhom li qed jibnu l-appartamenti fi Triq Annibale Preca (fejn tidjieq it-triq), l-ilma tax-xita qed jaqbeż il-bankina u jidħol fir-residenzi ta' dik l-akwata. Għalhekk, staqsiet jekk jistax isir xi *culvert* mal-ġenb tat-triq biex l-ilma jmur f'ġibja.

88.10.5.2 Is-Sindku qalet li fejn l-Ambaxxatur Ġermaniż fejn il-pompa tal-ilma hemm ġibja u għalhekk hemm bżonn li naraw nistgħux nagħmlu *culvert* biex jinġabar l-ilma f'din il-ġibja biex inħaddmu din il-pompa.

88.10.5.3 Il-Kunsill qabel li nkellmu l-perit tal-Kunsill biex jidentifika xi postijiet fejn jistgħu isiru *culverts* ġodda.

<u>*Tender for Concrete Imprint Works P/O Preziosi Street Alley 2, Ħal Lija –* LLC/01/2019</u>

88.10.6.1 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill lis-sejħa għall-offerti għat-*Tender for Concrete Imprint Works P/O Preziosi Street Alley 2, Ħal Lija*- LLC/01/2019 ħarġet u ser tagħlaq fil-15 ta' April 2019.

Il-Kunsill qabel li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni se magħmul minn dawn il-membri:
88.10.6.2 *Chairperson*: Is-Sindku Magda Magri Naudi
Evalwaturi: Ser jiġi ċċekjat jekk l-evalwaturi li evalwaw it-*Tender* preċedenti humiex disponibbli.

**F'dan il-ħin (6.00pm) daħal il-Kunsillier Massimo Scerri għal-laqgħa.**

<u>Ċirkulari AKL 2019/010 - Ħatra ta' DPO</u>

88.10.7.1 Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/010 – Ħatra ta' DPO mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, fejn qed jinfurmaw lill-Kunsilli li l-ħatra tas-Sur Ian Magro bħala DPO ta' diversi Kunsilli ser tkun sal-aħħar ta' Mejju u l-Kunsilli jridu jaħtru DPO ieħor.

88.10.7.2 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li għandha informazzjoni lir-Reġjun ser ikunu qed jaħdmu fuq sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' DPO għall-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt ir-Reġjun.

<u>*Tender for the Services of an Accountant and Accounting Technician for the locality of Ħal Lija* – LLC/02/2019</u>

88.10.8.1 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li ġie ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti għat-*Tender for the Serices of an Accountant and Accounting Technician for the locality of Ħal Lija* - LLC/02/2019. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

88.10.8.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Id-Deputat SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

<u>*Tender for theUpkeep and Maintenance Services of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* – LLC/03/2018</u>

88.10.9.1 Is-Sindku qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill tliet (3) kwotazzjonijiet għal dan is-servizz għal tliet (3) xhur, sakemm terġa' tinħareġ sejħa ġdida, peress li l-kuntratt preżenti jiskadi fil-31 ta' Marzu 2019.

88.10.9.2 Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' €1,852.60 (VAT inkluż) tas-Sur Brandon Spiteri. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti immedjatament. Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia talbet li għandu jibda mix-xogħlijiet li ilhom l-aktar pendenti.

88.10.9.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm residenta li offriet li tieħu ħsieb il-konok li hemm fi Triq Karlu Darmanin volontarjament. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

88.10.9.4 Fuq il-kuntrattur preżenti, WM Environmental Ltd, is-Sindku qalet li dan ma tax is-servizz kif suppost. Qalet ukoll li hemm xogħlijiet li ilhom pendenti minn Novembru 2018. Is-Sindku qalet li bagħtnielu ittra bil-lista ta' xogħlijiet pendenti, u infurmajnieh li jekk mhux ser jagħmilhom mhux ser jitħallas l-aħħar pagamenti dovuti ta' Frar u Marzu 2019.

88.10.9.5 Il-Kunsill unanimament qabel li għandha tinħareġ ukoll *default notice* lill-kuntrattur u approva li m'għandux jitħallas qabel ma jagħmel ix-xogħlijiet pendenti.

<u>*Kennels* għall-qtates</u>

88.10.10 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li xi residenti talbu li jitqiegħdu *kennels* għall-qtates fiċ-Ċentru Rikreattiv. Is-Sindku qalet ukoll li hemm xi ħadd li lest li jiffinanzja dawn il-*kennels.* Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

<u>Pompa tal-ilma taċ-Ċentru Rikreattiv</u>

Is-Sindku talbet li tiġi ċċekjata u rranġata l-poma tal-ilma tal-funtana (ġarar) li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv.

88.10.11.1 Is-Sindku qalet li l-kuntrattur WM Environmental Ltd, kien kisser *pipe* (sistema ta' tisqija) meta ma kienx qed isir tisqija. Il-Kunsill qal li l-kuntrattur għandu jirranaġa l-ħsara jew iħallas l-ispejjeż. Jekk hemm bżonn għandna nibgħatulu ittra bl-avukat.

88.10.11.2 <u>Finanzjament favur il-Komunita' – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u *Sports*</u>

Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill ġiet aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill biex jiġu organizzati sessjonijiet ta' Zumba. Il-Kunsill ġie allokat is-somma ta' €552.50.

88.10.12.1 Id-Deputat SE infurmat li l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel *risk assessment* tal-programm. Dawn is-sessjonijet għandhom ukoll ikunu koperti b'polza tal-assikurazzjoni. Id-Deputat SE qalet li dawn is-sessjonijiet iridu jsiru sal-31 ta' Ottubru 2019.

88.10.12.2 Il-Kunsill qabel li dawn is-sessjonijiet isiru kull nhar ta' Ħamis u jibdew fit-13 ta' Ġunju 2019. Ser ikun hemm 10 sessjonijiet. Kull applikant ser iħallas €20 biex jipparteċipa. Din il-miżata ser tkopri parti mill-ispiża tar-*risk assessment* u l-polza tal-assikurazzjoni. Ser jitqassam *flyer* fid-djar tal-lokalita'.

88.10.12.3 <u>Ħarġa għat-tfal għal żmien il-vakanzi tal-Għid</u>
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-*entry fee* għall-Playmobil hija €6 għal kull tifel/tifla. Il-Kunsill qabel li din il-ħarġa ssir fit-22 ta' April 2019, tluq minn Ħal Lija fid-9.15am.

88.10.13.1 Biljetti ser ikunu €6 kull tifel/tifla u t-trasport ser ikun iffinanzjat mill-Kunsill. Ser jitqassam *flyer* fid-djar tal-lokalita'.

Is-Sindku issuġġeriet li jiġi ppreparat fuljett (madwar 4 paġni) b'informazzjoni u ritratti tal-ħidma tal-Kunsill,
88.10.13.2 biex jitqassam fid-djar.

*<u>American Car Show</u>*
88.10.13.3 *Lija Athletic FC* qed jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw *American Car Show* nhar il-Ħadd 7 ta' April fil-pjazza. Qed jitolbu biex il-pjazza tingħalaq bejn is-6.00am u s-1.00pm. L-attivita' ser tibda fid-9.00am.

88.10.14.1 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li tittella' din l-attivita'. Pero',peress li l-attiivita' ser tkun il-Ħadd, it-tabelli tan-*No Parking* ikunu mis-7.00am 'il quddiem. Kif ukoll, it-triq minn fejn l-ATM biex tmur għal Triq il-Kbira trid titħalla miftuħa l-ħin kollu, biex in-nies ikollhom aċċess għall-Knisja.

<u>*GoTo charging pillar* fil-pjazza</u>
88.10.14.2 Is-Sindku tixtieq tressaq suġġeriment li ġie mgħoddi lilha minn tal-armar biex titneħħa l-*GoTo charging pillar* li hemm fil-pjazza, għax il-plančir ma jkunx jista' jiġi armat sew fil-festa.

Fuq dawn iċ-*charging pillars* il-Kunsill kien irċieva *email* mill-*GoTo* biex ninfurmawhom meta jkun ser ikollna l-
88.10.15.1 festa jew xi attivita' biex jagħmlu l-arranġamenti biex jagħmlu avviżi u jneħħu l-karozzi tal-*GoTo*. Għalhekk, iċ-*charging pillar* m'hemmx għalfejn tersaq.

<u>Tiswija tal-bandli taċ-Ċentru Rikreattiv</u>
88.10.15.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-ħaddiema assenjati ser jiżbgħu il-bankijiet tan-naħa tal-bandli b'kuluri differenti.

Is-Sindku qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għal tiswija tas-*safety tiles,* bdil tal-*merry-go-round,*
88.10.16.1 irranġar tas-*see-saw*, support *bar* taż-żurżieqa u l-bdil ta' *seat* ta' tliet (3) *spring riders* u *bins* ġodda.

Il-Kunsill approva li ssir it-tiswija tas-*safety tiles,* tinbidel il-*merry-go-round* għal waħda tal-*polyethylene,* u xiri ta' *bins* ġodda. Id-Deputat SE ser tiċċekkja mal-*accountant* jekk il-Kunsill għandux fondi biżżejjed biex
88.10.16.2 jiffinanzja din l-ispiża. Jekk le, il-Kunsill qabel li napplika għal fondi 'Sebbaħ il-*Lokal'*.

<u>Bdil ta' bozoz għal *LED* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>
Is-Sindku qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni biex jinbidlu l-bozoz ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni għal
88.10.16.3 bozoz *LED*. Bozza waħda bit-twaħħil b'kollox tiswa €35.87 u hemm madwar 70 bozza, bi spiża totali ta' madwar €2,510.90c.

Il-Viċi Sindku qalet li għandna nġibu kwotazzjoni oħra għal bozoz, għax qed tarah għolja. Il-Kunsill qabel li għandhom jinbidlu kollha.

88.10.17.1

<u>PA/01434/19 – *Boomerang*, 35, Triq tal-Mirakli</u>
Is-Sindku qalet li fil-laqgħa li għaddiet, il-Kunsill ra l-applikazzjoni PA/01424/19, *Boomerang*, 35, Triq tal-Mirakli, Ħal Lija, fejn ma kienx sab oġġezzjoni għax il-Kunsill kien żgwidat mill-pjanti li ra.

88.10.17.2 Il-Kunsill reġa' iddiskuta din l-applikazzjoni u unanimament approva li joġġezzjoni għal dan l-iżvilupp.

<u>*Toilets* fiċ-Ċentru Rikreattiv</u>
88.10.18.1 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-problema li hemm fit-*toilets* taċ-Ċentru Rikreattiv minħabba l-pajpijiet li qiegħdin itellaw l-ilma mill-ġibjun għal ġol-pompa biex eventwallment ikun hemm l-ilma fit-*toilets*. Dawn il-pajpijiet li jinsabu taħt l-art fil-kantuniera ta' Triq Giovanni Barbara saritilhom il-ħsara.

88.10.18.2 Se jiġi ċċekjat xi ħsara hemm u l-ispiża biex tiġi rranġata. Jekk l-ispiża tkun għolja l-Kunsill jikkunsidra li japplika għall-*meter* tal-ilma.

88.10.19.1 <u>Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Kbira</u>

Is-Sindku reġgħet ressqet talba ta' resident biex issir *sleeping policeman* viċin ir-residenza tiegħu nru. 39 fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill iddiskuta u ttieħed vot, peress li ma kienx hemm qbil.

88.10.19.2 B'vot favur (tas-Sindku) u erbgħa (4) kontra, din it-talba ma ġietx approvata għax f'dawk l-akwati diġa' hemm *sleeping policeman* u m'għandiex issir oħra.

<u>Talba biex issiru *double yellow lines* u mera fi Triq il-Kbira</u>

88.10.20.1 Residenta qed titlob biex isiru *dyl* faċċata ta' dar 142, Triq il-Kbira. Il-Kunsill approva u napplikaw għal permess ma' TM.

88.10.20.2 L-istess residenta qed titlob li ssir mera mal-garaxx tad-dar tagħha. Il-Kunsill japprova bil-kundizzjoni li din għandha ssir mal-ħajt u jekk ser teħel ma' faċċata ta' terzi persuni, ir-residenta għandha ġġib l-approvazzjoni qabel.

88.10.21.1 <u>Talba biex issir tabella *'Slow down garage exits'*</u>

Talba biex issir tabella *'Slow down garage exits'* fi Triq il-Kunċizzjoni Din it-talba kienet diġa ġiet imressqa fil-laqgħa tal-25 ta'Ottubru 2018 u l-Kunsill ma kienx approva u qal li, ir-resident minflok jista' iwaħħal *sticker* mal-garaxx.

88.10.21.2 Din it-talba reġgħet ġiet diskussa u kien hemm qbil li ssir din it-tabella.

<u>*Double yellow lines* quddiem garaxx fi Triq il-Forn</u>

88.10.22.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kitbet lill-TM wara li daħal ilment fuq *dyl* li hemm quddiem garaxx fi Triq il-Forn. TM infurmawna li ma japprovawx *dyl* quddiem garaxxijiet u l-Kunsill jista' jikkunsidra li jneħħihom.

88.10.22.2 Il-Kunsill unanimament approva li dawn id-*dyl* jitneħħew.

<u>Talba biex jiqsar *single yellow line* fi Sqaq Nru. 1, Triq il-Kunċizzjoni</u>

88.10.23.1 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia u d-Deputat SE marru *on site* fi Sqaq Nru. 1 Triq il-Kunċiżżjoni biex jerġgħu jaraw l-*area* fejn il-*Minority Leader* ssuġerit li jiqsar is-*syl*. Żewġ residenti qed joġġezzjonaw għal wieħed ikollu l-problemi biex jidħol fil-garaxx u l-ieħor qal li jekk is-*syl* jiqsar,il-karozzi jersqu aktar lejn l-entratura tal-garaxx tiegħu.

88.10.23.2 Il-Viċi Sindku qalet li jekk jidħol fil-garaxx bir-*reverse,* ir-resident jidħol aħjar u s-*syl* jista' jiqsar. Il-*Minority Leader* qalet li hemm fejn jiqsar mingħajr ma jinħoloq inkonvenjent lejn ħadd.

88.10.24.1 <u>Talba biex isir *double yellow lines* fi Triq Robert Mifsud Bonnici</u>

Resident xtaq jirringrazzja lill-Kunsill talli għamel id-*dyl* bejn iż-żewġ garaxxijiet pero' xorta waħda qiegħdin jipparkjaw. Ir-resident qed jitlob li jsiru *bollards* fejn hemm id-*dyl* għaliex apparti li ma jkunx jista' joħroġ, il-karozzi qed jitilgħu jipparkjaw nofshom fuq il-bankina u allura qiegħdin jostakolaw ukoll il-bankina. Ir-resiedent diġa'ġie nfurmat li TM ma tapprovax talbiet bħal dawn.

88.10.24.2 L-istess resident qed jitlob li jsiru *dyl*ukoll bejn il-garaxx tiegħu u l-garaxx tal-ġenb l-ieħor. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u se jsir nofs metru *dyl* immedjatament.

88.10.25.1 <u>Talba biex issir *camera* fi Triq Kardinal Ferretti</u>

Resident qed jitlob li ssir *camera* fi Triq Kardinal Ferretti għax ta' sikwit qed jidħlu karozzi *one-way*. Il-*Minority Leader* qalet li ser tkun aktar diffiċli li l-karozzi joħorġu minn din it-triq *wrong way,* la issir din il-bankina bil-*bus shelter.*

88.10.25.2 Id-Deputat SE qalet li jrid joqgħod xi ħadd il-ħin kollu għassa tal-*camera* biex jinqabad minn qed jikser il-liġi u l-Kunsill m'għandhux riżorsi biex jagħmel dan. Ser ninfurmaw lill-LESA biex jibdew jinfurzaw speċjalment fil-ħinijiet tat-traffiku.

88.10.26.1 Il-*Minority Leader* qalet li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kien poġġa vann b'*roaming camera* biex isir infurzar. Ser jiġi ċċekjat dwar kif kien sar.

Talba biex jitneħħa *bin*

Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia u l-kennis biex jitneħħa l-*bin* li hemm fejn is-*substation* qed jintrema kull
88.10.26.2 tip ta'skart u materjal fih u qed iħammeġ l-*area* kollha.

Il-Kunsill qabel li jitneħħa u jitpoġġa fejn it-taraġ taċ-Ċentru Rikreattiv.

88.10.26.3 Talba biex isiru *double yellow lines* fi Triq Ħal Bordi

Resident qed jitlob biex isiru *dyl* fi Triq Ħal Bordi bejn il-garaxxijiet fejn il-binja 'Hibi' u 'St. Joseph'.Se jiġi ċċekjat jekk apparti d-*dyl*, toqgħodx *MC bay* bejn il-garaxxijiet biex ma jintilifx l-ispazju kollu.

88.10.27.1

Apparti minn hekk, is-Sindku u l-*Minority Leader* ser jiċċekkjaw jistgħux jiżdiedu xi *parking bays* f'dawk l-akwati għax hemm ħafna spazju mitluf.

88.10.27.2 Talba biex jitneħħa *motorcycle bay* minn Triq Annibale Preca

Residenta qed titlob li jitneħħa *MC Bay* li hemm ħdejn il-garaxx tagħha fi Triq Annibale Preca. Ir-residenta qed
88.10.28.1 titlob li minflok għandu jitwal id-*dyl*. Dan għaliex karozzi qed jipparkjaw fuq il-*MC Bay* bil-konsegwenza li qed ikun ostakolat l-aċċess tal-garaxx.

Ser tiġi ċċekajta l-*area* u jekk hemm żewġ *MC Bays* (għax fir-ritratt hekk qed jidher) titneħħa waħda.

88.10.28.2

Xiri ta' *microwav*e u magna tal-kafe' għall-uffiċċju

Is-Sindku qed tipproponi li jinxtraw *microwave* u magna tal-kafe' għall-uffiċċju.

88.10.29.1

Il-Kunsill approva u ser jinġiebu kwotazzjonijiet.

Applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA

Is-Sindku ressqet lista tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

88.10.29.2

Fuq PA/11292/18, PA/02371/19 u PA/02643/19, se ninfurmaw lill-perit biex jiċċekkja l-applikazzjonijiet kif
88.10.30.1 ukoll il-pjanti.

88.10.30.2

88.10.31.1

88.10.31.2

## 88.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

88.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 3/19 li tinkludi l-ammont ta' €14.96 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda.

88.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha minbarra ċekk numru 13940 pagabbli lill-WM Environmental Ltd li jammonta għal €608.00.

## 88.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

88.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

88.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2019 fil-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 29 ta' April 2019.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Magda Magri Naudi
Sindku

Doriette Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv